

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Il-liġi Ta' Liema Pajjiż Tapplika?](#) > [Slovenia](#)

Il-liġi ta' liema pajjiż tapplika?



Slovenja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 L-għejjun tar-regoli fis-seħħ

1.1 Regoli nazzjonali

Il-liġi bażika li tistabbilixxi r-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali privat huwa l-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura (*Zakon o mednarodnem zasebnem pravu in postopku*; imqassar bħala ZMZPP, Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja (*Uradni list RS*) Nru 56/99). Il-kunflitt speċifiku ta' liġijiet huwa rregolat mill-liġijiet fuq diversi temi (pereżempju, l-Att dwar l-Operazzjonijiet Finanzjarji, il-Proċedimenti ta' Insolvenza u x-Xoljiment Obbligatorju (*Zakon o finančnem poslovanju, postopkih zaradi insolventnosti in prisilnem prenehanju*; imqassar bħala ZFPPIPP).

1.2 Konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali

Il-konvenzjonijiet li huma rratifikati u ppubblikati fir-Repubblika tas-Slovenja huma applikabbli direttament u jipprevalu fuq il-liġijiet nazzjonali. Ir-regoli ta' konflitt ta' interess huma rregolati mir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), li jinkludi Stati Membri li huma obbligati li jagħmlu emendi lill-Konvenzjoni ta' Ruma tad-19 ta' Ġunju 1980 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali u r-Regolament Nru 864/2007 (Ruma II) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II). Ir-regoli ta' konflitt ta' interess jinsabu wkoll f'konvenzjonijiet multilaterali adottati mill-Konvenzjoni tal-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat, li r-Repubblika tas-Slovenja hija firmatarja tagħha.

1.3 Konvenzjonijiet bilaterali prinċipali

Ir-regoli ta' konflitt ta' interess jinsabu wkoll f'konvenzjonijiet bilaterali dwar l-għajnuna legali konklużi mal-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Franza, l-Ungerija, il-Mongolja, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Federazzjoni Russa. Il-lista ta' konvenzjonijiet hija disponibbli fis- [siti web tal-Ministeru](#).

2 L-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

2.1 L-obbligu tal-imħallef li japplika b'inizjattiva tiegħu stess ir-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

Il-qorti hija marbuta bil-liġi li tirregola l-kunflitt ta' liġijiet iżda l-partijiet huma liberi li jiftiehmu b'liema liġi huma jixtiequ li jirregolaw ir-relazzjoni legali tagħhom. Fit-tali każ, tapplika l-liġi magħżula mill-partijiet. Barra minn dan, il-liġi li tapplika normalment skont l-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura, ma tkunx applikabbli meta, abbażi taċ-ċirkustanzi kollha, ikun ċar li ma jkun hemm l-ebda rabta sinifikanti għal-liġi li għandha tiġi applikata mar-relazzjoni legali inkwistjoni iżda jkun hemm rabta eqreb sinifikanti ma' xi liġi oħra.

2.2 Rinviju dwar l-għażla ta' liġijiet

Id-duttrina tar-rinviju hija stabbilita fl-Artikolu 6 tal-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura, li

jipprovdli li meta jiġi deċiż liema liġi hija applikabbli, u r-regoli ta' Stat barrani jindikaw il-liġi Slovena, f'dak il-każ il-liġi Slovena tapplika mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-istruzzjonijiet Sloveni dwar liema liġi hija applikabbli. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax meta l-partijiet jagħżlu l-liġi applikabbli.

2.3 Bidla f'element ta' konnessjoni

Regola speċifika dwar għażla tal-liġi li tirregola fatturi marbuta li jistgħu jinbidlu tiddefinixxi normalment ukoll iż-żmien li fih it-tali regola għandha tapplika. Xi fatturi ta' rabta jinkludu ż-żmien li huwa deċiżiv fl-għażla ta' liġi applikabbli stabbilita fir-regola ta' kunflitt ta' liġijiet (pereżempju: in-nazzjonalità ta' testatur meta jikteb testament) filwaqt li f'ċirkustanzi oħra t-tibdil fiċ-ċirkustanzi ta' rabta jista' ifisser li tapplika l-liġi ta' sistema legali differenti. F'każijiet ta' relazzjonijiet permanenti, huwa meħtieġ li jiġi applikat il-prinċipju ta' rikonossiment ta' drittijiet diġà miksuba.

2.4 Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni normali tar-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

Il-liġi stabbilita mill-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura ma tapplikax meta l-effett tal-applikazzjoni tagħha tkun kuntrarja għas-sistema legali Slovena. Il-kunċett ta' ordni pubbliku huwa standard legali espress permezz tal-ġurisprudenza. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, dan huwa bbażat fuq ir-regoli kostituzzjonali tal-Istat, il-prinċipji fundamentali ta' liġijiet nazzjonali u l-prinċipji morali.

2.5 Prova ta' liġi barranija

Il-qorti jew awtorità kompetenti oħra tistabbilixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess il-kontenut tal-liġi barranija li għandha tiġi applikata bl-użu ta' notifika ta' liġi barranija mill-ministeru responsabbli għall-ġustizzja jew teżamina l-kontenut tagħha b'xi metodu adegwat ieħor. Il-partijiet jistgħu jissottomettu dokument pubbliku jew dokument ieħor ta' awtorità jew istituzzjoni kompetenti barranija dwar il-kontenut tal-liġi barranija. Meta l-kontenut tal-liġi barranija ma jistax jiġi stabbilit f'każ partikolari, tapplika l-liġi Slovena.

3 Ir-regoli dwar il-kunflitt ta' liġijiet

3.1 Obbligi kuntrattwali u atti legali

Fir-rigward tal-Istati Membri, ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali huwa applikabbli għar-Repubblika tas-Slovenja u jħassar il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-liġi sostantiva. Għal kwistjonijiet li r-Regolament mhuwiex applikabbli għalihom, japplikaw il-konvenzjonijiet bilaterali meta jkun rilevanti. Meta ma jkunx hemm konvenzjonijiet bilaterali, tapplika l-liġi nazzjonali li tirregola l-kunflitt ta' liġijiet f'relazzjonijiet kuntrattwali (l-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura).

Ir-regola ġenerali dwar il-kunflitt ta' liġijiet:

L-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura jipprevedi li tapplika l-liġi magħżula mill-partijiet kuntrattwali għall-kuntratt tagħhom sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi jew minn konvenzjoni internazzjonali. Ir-rieda tal-partijiet dwar l-għażla tal-liġi tista' tiġi stabbilita espressament, jew id-dispożizzjonijiet kuntrattwali jew ċirkustanzi oħra jistgħu jindikaw b'mod ċar li ġiet magħżula liġi partikolari. Il-validità tal-kuntratt jiġi mbagħad eżaminat skont il-liġi magħżula. Meta l-partijiet ma jkunux għażlu liema liġi għandha tapplika, f'dak il-każ tapplika l-liġi li hija assoċjata mill-iktar qrib. Meta ċ-ċirkustanzi ma jindikawx liġi oħra, tapplika l-liġi tal-Istat fejn il-parti bl-obbligazzjoni li twettaq l-elementi essenzjali tal-kuntratt ikollha r-residenza permanenti jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha.

Il-liġi tal-Istat fejn ħaddiem abitwalment iwettaq xogħlu tirregola l-ftehimiet ta' impjieg. Meta jaqblu mal-applikazzjoni ta' liġi differenti f'kuntratt ta' impjieg, il-partijiet ma jistgħux jeskludu dispożizzjonijiet mandatorji dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-impjegati inklużi fil-liġi tal-Istat li kienet tkun applikabbli li kieku l-partijiet ma kinux għażlu l-liġi l-oħra.

Kuntratt konkluż minn konsumatur huwa kuntratt għat-trasferiment ta' prodotti, drittijiet u / jew servizzi lil konsumatur. Konsumatur huwa persuna li jkseb prodotti, drittijiet jew servizzi, l-aktar għall-użu personali jew għad-dar. Kuntratt konkluż minn konsumatur ma jinkludix kuntratt ta' trasport jew kuntratt għall-forniment ta' servizzi lil konsumatur meta dak il-kuntratt huwa mwettaq bis-sħiħ barra minn dak l-Istat fejn il-konsumatur

għandu r-residenza permanenti tiegħu. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura, kuntratt konkluż minn konsumatur huwa rregolat mil-liġi tal-Istat fejn il-konsumatur għandu r-residenza tiegħu, meta l-kuntratt ġie konkluż suġġett għal offerta jew reklamar f'dak l-Istat, jew meta l-konsumatur ħa l-passi meħtieġa biex jikkonkludi l-kuntratt f'dak l-Istat, jew meta l-konsumatur ikun parti kokontraenti jew ir-rappreżentant tagħha jikseb l-ordni tal-konsumatur f'dak l-Istat, jew meta l-kuntratt ta' bejgħ kien konkluż fi Stat ieħor, jew il-konsumatur ikun ta l-ordni fi Stat ieħor, jew fejn l-ivvjaġġar kien organizzat mill-bejjieġh bil-ħsieb li jippromwovi l-konklużjoni ta' tali kuntratti.

Fil-każijiet imsemmija hawn fuq, il-partijiet għall-kuntratt ma jistgħux jiftiehmu dwar l-applikazzjoni ta' liġi li teskludi d-dispożizzjonijiet mandatorji dwar id-drittijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur applikabbli fl-Istat fejn il-konsumatur ikollu r-residenza permanenti tiegħu.

Għal kuntratti relatati ma' proprjetà immobbli, tapplika dejjem il-liġi tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà immobbli.

Meta l-partijiet kuntrattwali ma jkunux qablu mod ieħor, tapplika r-regola ġenerali dwar il-kunflitt ta' liġijiet għar-relazzjoni bejn il-partijiet kontraenti sabiex jiġi deċiż minn liem żmien 'il quddiem akkwirent ta' proprjetà mobbli għandu dritt għall-prodotti u l-frott tiegħu u biex jiġi deċiż iż-żmien minn meta akkwirent jaċċetta r-riskji dwar il-prodott.

Barra minn dan, meta l-partijiet kontraenti ma jkunux ftiehm u mod ieħor, il-metodu tal-konsenja tal-prodott u l-miżuri meħtieġa meta l-konsenja tiġi rrifjutata huwa rregolat mil-liġi tal-Istat fejn il-prodott kellu jiġi kkonsenjat.

Rigward l-effett ta' trasferiment ta' kreditu jew assunzjoni ta' dejn: l-istatus legali ta' kwalunkwe debitur jew kreditur li mhuwiex involut direttament fil-kreditu jew fil-preżunzjoni huwa rregolat mill-istess liġi li tirregola t-trasferiment jew il-preżunzjoni nfisha.

Il-liġi applikabbli għat-tranżazzjoni prinċipali tapplika għal tranżazzjoni awżiljarja sakemm ma jkunx deċiż b'mod ieħor.

Il-liġi tal-istat tar-residenza permanenti jew is-sede tad-debitur tapplika għal tranżazzjoni legali waħda biss.

3.2 Obbligi mhux kuntrattwali

Rigward l-obbligi mhux kuntrattwali mhux irregolati minn konvenzjoni internazzjonali jew ir-Regolament Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II), ir-regoli ta' kunflitti ta' liġijiet jipprevedu li tapplika l-liġi nazzjonali.

L-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura jipprevedi li l-liġi tal-istat fejn ikun sar l-att tapplika għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. Il-liġi tal-istat fejn titbata l-konsegwenza tapplika meta dik il-liġi tkun aktar favorevoli għall-vittima, sakemm il-vittima kellha jew setgħet tipprevedi l-post tal-konsegwenzi. Meta t-tali liġi ma għandhiex rabta mill-qrib għar-relazzjoni iżda teżisti rabta ma' liġi oħra, f'dak il-każ tapplika dik il-liġi l-oħra.

Meta tkun qamet kwistjoni fuq bastiment fil-baħar internazzjonali jew fuq ajruplan, li għaliha jkun hemm lok ta' kumpens, il-liġi applikabbli hija preżunta li tkun il-liġi tal-Istat fejn huwa rreġistrat il-bastiment jew l-ajruplan.

3.3 L-istat personali, l-aspetti tiegħu marbuta mal-istat ċivili (isem, domiċilju, kapaċità)

Meta ċittadin tar-Repubblika tas-Slovenja jkun ċittadin ukoll ta' Stat ieħor, dik il-persuna hija meqjusa bħala ċittadina Slovena biss għall-għanijiet tal-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura. Meta persuna li mhijiex ċittadina tar-Repubblika tas-Slovenja iżda li hija ċittadina ta' żewġ Stati jew aktar, il-liġi tal-Istat li fih dik il-persuna għandha r-residenza permanenti tagħha tkun applikabbli għall-għanijiet tal-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura. Meta persuna ma jkollhiex residenza permanenti f'xi wieħed mill-Istati li hija ċittadina tiegħu, il-liġi tal-Istat dik il-persuna għandha l-eqreb rabta tagħha miegħu tkun applikabbli għall-għanijiet tal-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura.

Meta persuna ma jkollhiex in-nazzjonalità jew in-nazzjonalità tagħha ma tistax tiġi stabbilita, tapplika l-liġi tal-Istat tar-residenza permanenti tagħha. Meta persuna ma jkollhiex residenza permanenti jew din ma tistax tiġi stabbilita, tapplika l-liġi tal-Istat tar-residenza temporanja tagħha. Meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita anki residenza temporanja, tapplika l-liġi Slovena.

Il-liġi tal-Istat li persuna tkun ċittadina tiegħu hija applikabbli għat-tibdil ta' isem personali.

Il-liġi tal-Istat li persuna tkun ċittadina tiegħu hija applikabbli għall-kapaċità ta' persuna fiżika biex tagħmel kuntratt. Persuna fiżika li, skont il-liġi tal-Istat li tkun ċittadina tiegħu ma jkollhiex il-kapaċità li tagħmel kuntratt hija preżunta li jkollha dik il-kapaċità jekk ikollha l-kapaċità skont il-liġi tal-Istat fejn jirriżulta l-obbligu. It-telf jew ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità ta' persuna fiżika biex tagħmel kuntratt huma rregolati mill-Istat li l-persuna tkun ċittadina tiegħu.

3.4 Li tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal, inkluża l-adozzjoni

3.4.1 Li tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal

Il-ħatra jew it-terminazzjoni ta' kurazija u r-relazzjonijiet bejn kuratur u l-persuna taħt kurazija (persuna f'kura) hija rregolata mil-liġi tal-Istat li l-persuna tkun ċittadina tiegħu. Il-miżuri temporanji ta' kura tas-saħħa maħruġa kontra ċittadin barrani jew persuna apolida fir-Repubblika tas-Slovenja huma rregolati mil-liġi Slovena u jibqgħu fis-seħħ sakemm Stat kompetenti jiddeċiedi dwar il-miżura jew jannullaha, kif xieraq. Din ir-regola tapplika wkoll għall-protezzjoni ta' proprjetà ta' ċittadin barrani jew persuna apolida li tinsab fir-Repubblika tas-Slovenja.

Ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-minuri huma rregolati mil-liġi tal-Istat li jkunu ċittadini tiegħu. Meta l-ġenituri u l-minuri jkunu ċittadini ta' Stati differenti, tapplika l-liġi tal-Istatfejn ikollhom kollha residenza permanenti. Meta l-ġenituri u l-minuri jkunu ċittadini ta' Stati differenti u ma jkollhomx residenza permanenti fl-istess Stat, tapplika l-liġi tal-Istat li l-minuri jkun ċittadin tiegħu.

Il-proċedura għar-rikonoxximent, l-iffissar u l-kontestazzjoni tal-paternità u l-maternità hija rregolata mil-liġi tal-Istat li l-minuri jkun ċittadin tiegħu.

L-obbligu li jiġi pprovdut manteniment għad-dixxendenti, bl-esklużjoni tal-ġenituri lejn il-minuri, u l-obbligu li jiġi pprovdut manteniment għal qrafa bi żwieġ (jiġifieri qrafa li mhumiex marbuta bid-demm), huwa rregolat mil-liġi tal-Istat li l-persuna li qiegħda titlob manteniment tkun ċittadina tiegħu.

Il-proċess li bih minuri jiġi leġitimizzat huwa rregolat mil-liġi tal-Istat li l-ġenituri jkunu ċittadini tiegħu jew mil-liġi tal-Istat tal-ġenitur li skontha l-adozzjoni għandha tkun valida meta l-ġenituri ma jkunux ċittadini tal-istess Stat. Il-fatt ta' qbil għal-leġittimizzazzjoni minn minuri, persuna jew entità nazzjonali oħra huwa rregolat mil-liġi tal-Istat li l-minuri jkun ċittadin tiegħu.

3.4.2 L-adozzjoni

Il-kundizzjonijiet u t-terminazzjoni ta' adoxxjoni jiġu deċiżi mil-liġi tal-Istat li l-adottant u l-persuna adottata jkunu ċittadini tiegħu. Meta l-adottant u l-persuna adottata jkunu ċittadini ta' Stati differenti, il-kundizzjonijiet u t-terminazzjoni ta' adoxxjoni jkunu rregolati konġuntament mill-Istati li jkunu ċittadini tiegħu. Meta l-konjuġi jadottaw flimkien, il-kundizzjonijiet u t-terminazzjoni ta' adoxxjoni jkunu rregolati mil-liġi tal-Istat li l-persuna adottata tkun ċittadina tiegħu u anki tal-Istati li parti waħda mill-konjuġi tkun ċittadina tiegħu. Il-forma tal-adoxxjoni hija rregolata mil-liġi tal-Istat li fih saret l-adoxxjoni. L-effett tal-adoxxjoni huwa rregolat mil-liġi tal-Istat li l-adottant u l-persuna adottata jkunu ċittadini tiegħu fil-ħin tal-għoti tal-adoxxjoni. Meta l-adottant u l-persuna adottata jkunu ċittadini ta' Stati differenti, tapplika l-liġi tal-Istat fejn ikollhom ir-residenza permanenti tagħhom. Meta l-adottant u l-persuna adottata jkunu ċittadini ta' Stati differenti u ma jkollhomx residenza permanenti fl-istess Stat, tapplika l-liġi tal-Istat li l-persuna adottata tkun ċittadina tiegħu.

3.5 Iż-żwieġ, koppji mhux miżżewġin/li jikkoabitaw, sħubijiet, divorzju, separazzjoni ġudizzjarja, obbligi ta' manteniment

3.5.1 Żwieġ

Il-kundizzjonijiet għal dħul fi żwieġ huma rregolati mil-liġi tal-Istat li kull persuna tkun ċittadina tiegħu fil-ħin tal-ikkuntrattar taż-żwieġ. Il-forma taż-żwieġ hija rregolata mil-liġi tal-Istat fejn ġie kkuntrattat iż-żwieġ. L-invalidità taż-żwieġ hija rregolata mil-liġi li skontha sar iż-żwieġ permezz tar-regoli ta' kunflitti ta' liġijiet deskritti hawn fuq.

3.5.2 Koppji mhux miżżewġin/li jikkoabitaw u sħubijiet

L-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura ma jipprevedi l-ebda dispożizzjoni speċjali dwar koppji

mhux miżżewġin / koppji li jgħixu flimkien. Madankollu, billi l-konsegwenzi ta' sħab li mhux miżżewġin / li jgħixu flimkien huma l-istess bħal dawk ta' żwieġ, jista' ikun li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw iż-żwieġ japplikaw għal sħab li mhux miżżewġin / li jgħixu flimkien ukoll.

Ir-relazzjonijiet ta' patrimonju bejn żewġ persuni li jgħixu fi sħubija / f'koabitazzjoni huma rregolati mil-liġi tal-Istat li huma ċittadini tiegħu. Meta l-persuni ma jkunux tal-istess nazzjonalità, tapplika l-liġi tal-Istat fejn għandhom ir-residenza komuni tagħhom. Għal relazzjonijiet ta' patrimonju kuntrattwali bejn persuni li jgħixu fi sħubija / f'koabitazzjoni, il-liġi applikabbli hija l-liġi applikabbli għar-relazzjoni ta' patrimonju tagħhom meta għe konkluż il-kuntratt.

L-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura ma jipprevedix xi dispożizzjonijiet speċjali dwar sħubijiet bejn persuni tal-istess sess u l-kundizzjonijiet tagħhom. Madankollu, billi l-konsegwenzi ta' sħubijiet bejn persuni tal-istess sess huma l-istess bħal dawk taż-żwieġ, l-istess dispożizzjonijiet li jirregolaw iż-żwieġ jistgħu japplikaw.

3.5.3 Id-divorzju u s-separazzjoni ġudizzjarja

Id-divorzju huwa rregolat mil-liġi tal-Istat li ż-żewġ konjuġi huma ċittadini tiegħu meta jsir ir-rikors għad-divorzju. Meta l-konjuġi jkunu ċittadini ta' Stati differenti meta jsir ir-rikors għad-divorzju, id-divorzju jiġi rregolat konġuntament mill-Istati li jkunu ċittadini tagħhom. Meta d-divorzju ma jistax ikollu lok abbażi tar-regoli preċedenti, id-divorzju jkun mbagħad irregolat mil-liġi Slovena, jekk parti waħda mill-konjuġi kellha r-residenza permanenti tagħha fir-Repubblika tas-Slovenja meta sar ir-rikors għad-divorzju. Meta parti waħda mill-konjuġi tkun ċittadina Slovena iżda ma jkollhiex residenza permanenti fis-Slovenja u d-divorzju ma jkunx jista' iseħħ abbażi tar-regoli preċedenti, id-divorzju mbagħad ikun irregolat mil-liġi Slovena.

L-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Proċedura ma jipprevedi l-enda dispożizzjoni speċjali dwar it-terminazzjoni ta' sħubijiet bejn persuni tal-istess sess. Madankollu, billi l-konsegwenzi ta' sħubija bejn persuni tal-istess sess huma l-istess bħal dawk ta' żwieġ, l-istess dispożizzjonijiet li jirregolaw id-divorzju jistgħu japplikaw.

3.5.4 L-obbligi ta' manteniment

Ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-minuri huma rregolati mil-liġi tal-Istat li jkunu ċittadini tiegħu. Meta l-ġenituri u l-minuri jkunu ċittadini ta' Stati differenti, tapplika l-liġi tal-Istat fejn ikollhom kollha residenza permanenti. Meta l-ġenituri u l-minuri jkunu ċittadini ta' Stati differenti u ma jkollhomx residenza permanenti fl-istess Stat, tapplika l-liġi tal-Istat li l-minuri jkun ċittadin tiegħu.

3.6 Reġimi matrimonjali dwar il-proprjetà

Ir-relazzjonijiet personali u ta' patrimonju bejn il-konjuġi huma rregolati mil-liġi tal-Istat li huma ċittadini tiegħu. Meta l-konjuġi jkunu ċittadini ta' Stati differenti, tapplika l-liġi tal-Istat fejn ikollhom ir-residenza permanenti tagħhom. Meta l-konjuġi la jkollhom l-istess nazzjonalità u lanqas l-istess residenza permanenti fl-istess Stat, tapplika l-liġi tal-Istat fejn kellhom l-aħħar residenza konġunta tagħhom. Meta l-liġi applikabbli ma tistax tiġi stabbilita abbażi ta' dawn ir-regoli, imbagħad tapplika l-liġi li jkollhom l-eqreb rabta magħhom.

Ir-reġimi ta' patrimonju kuntrattwali bejn il-konjuġi huma rregolati mil-liġi tal-Istat li rregolat ir-relazzjoni personali u ta' patrimonju meta għe konkluż il-kuntratt. Meta din il-liġi tipprevedi li l-konjuġi jistgħu jagħżlu liġi li tirregola l-ftehimiet ta' patrimonju tagħhom, tapplika l-liġi li jagħżlu.

Meta żwieġ jiġi annullat jew xolt, l-istess regoli ta' kunflitt ta' liġijiet li japplikaw għal reġimi personali u ta' patrimonju bejn il-konjuġi, japplikaw għal reġimi personali u ta' patrimonju konġunt.

3.7 Testmenti u s-suċċessjoni

Il-liġi tal-Istat li d-*decujus* kien ċittadin tiegħu meta miet tirregola l-wirt tiegħu. Il-kapaċità testamentarja hija rregolata mil-liġi tal-Istat li t-testatur kien ċittadin tiegħu meta saret l-eżekuzzjoni tat-testment.

Il-forma tat-testment tkun valida jekk tkun valida skont waħda mis-sistemi legali li ġejjin: il-liġi tal-Istat fejn għe redatt it-testment; il-liġi tal-Istat li t-testatur kien ċittadin tiegħu meta għe redatt it-testment jew mal-mewt tiegħu; il-liġi tal-Istat fejn it-testatur kellu r-residenza permanenti tiegħu meta għe redatt it-testment jew mal-mewt tiegħu; il-liġi Slovena; jew il-liġi tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà immobbli fir-rigward ta' proprjetà immobbli.

Forma ta' revoka ta' testament tkun valida abbażi ta' kwalunkwe liġi li skontha r-redazzjoni tat-testament tkun valida, kif spjegat.

3.8 Proprjetà reali

Għal relazzjonijiet ta' patrimonju u drittijiet *in rem* oħra, tapplika l-liġi tal-istat fejn jinsab l-oġġett. Għal relazzjonijiet ta' patrimonju dwar oġġetti fi tranżitu, tapplika l-liġi tal-istat ta' destinazzjoni. Għal relazzjonijiet ta' patrimonju dwar vetturi tat-trasport, il-liġi tal-istat fejn jinsabu dawn il-vetturi, sakemm il-liġi Slovena ma tistipulax mod ieħor.

3.9 Insolvenza

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment japplika direttament fis-Slovenja għal kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-applikabbiltà tagħha u tal-Istati Membri tal-UE. Meta r-Regolament ma jkunx applikabbli, il-liġi applikabbli tkun il-liġi nazzjonali Slovena, b'mod partikolari l-Att dwar l-Operazzjonijiet Finanzjarji, il-Proċedimenti ta' Insolvenza u x-Xoljiment Obbligatorju (*Zakon o finančnem poslovanju, postopkih zaradi insolventnosti in prisilnem prenehanju*; imqassar bħala ZFPPIPP, UL RS, ZFPPIPP-UPB7, Nru 63/2013).

F'dan l-Att, il-kapitolu li huwa intitolat "Proċedimenti ta' insolvenza b'element internazzjonali" fih regoli ġenerali dwar proċedimenti ta' insolvenza b'element internazzjonali, jirregola l-aċċess ta' kredituri u amministraturi barranin għal qorti nazzjonali, u jirregola l-kooperazzjoni mal-qrati barranin u l-amministraturi barranin. Dan jirregola wkoll ir-rikonoxximent ta' proċedimenti ta' insolvenza barranin u miżuri temporanji, miżuri paralleli dovuti għal insolvenza, u l-liġi biex jiġu applikati l-konsegwenzi ta' proċedimenti ta' insolvenza.

Il-qorti nazzjonali li jkollha ġurisdizzjoni fuq proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali, tista' tiddeċiedi dwar ir-rikonoxximent ta' proċedura barranija u l-kooperazzjoni mal-qrati barranin. Il-qrati nazzjonali lokali kompetenti biex jiġġestixxu proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali huma: 1. meta debitur li jkun entità ġuridika jew imprenditur nazzjonali, ikun stabbilit fir-Repubblika tas-Slovenja: il-qorti fit-territorju fejn id-debitur ikun stabbilit; 2. meta debitur li jkun persuna barranija ikollu fergħa fir-Repubblika tas-Slovenja: il-qorti fit-territorju fejn il-fergħa tad-debitur ikollha l-post tan-negozju prinċipali tagħha; 3. fil-każijiet l-oħra: il-Qorti Distrettwali ta' Ljubljana (Okrožno sodišče v Ljubljani).

Rigward il-liġi li tirregola l-konsegwenzi legali ta' proċedimenti ta' insolvenza, ir-regola ġenerali hija li tapplika l-liġi tal-istat fejn isiru l-proċedimenti, sakemm il-liġi ma tippredix mod ieħor għal każ partikolari. Hemm regoli dwar il-liġi applikabbli fl-Att dwar l-Operazzjonijiet Finanzjarji, il-Proċedimenti ta' Insolvenza u x-Xoljiment Obbligatorju dwar kuntratti li jolqtu l-użu ta' proprjetà immobbli miksuba, inkwantu tapplika l-liġi tal-istat fejn tinsab il-proprjetà immobbli. Japplikaw regoli speċjali dwar il-liġi ta' drittijiet irreġistrati f'reġistru (il-liġi tal-istat li huwa awtorizzat li jiġġestixxi r-reġistru) dwar il-liġi biex jiġu applikati sistemi ta' pagament u s-swieq finanzjarji (il-liġi tal-istat li hija applikata għat-tali sistemi ta' pagament / swieq finanzjarji), dwar il-liġi li għandha tiġi applikata għal kuntratti ta' kumpens u kuntratti ta' riakkwist u l-liġi dwar il-kuntratti ta' impjeg.

■ L-aħħar aġġornament: 17/04/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NGE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oġġett mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NGE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.